# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-20 ta' Ottubru, 2016

Appell Nru: 525/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Omar Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Omar Mizzi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 233775M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli fis-7 ta' Marzu, 2007, mal-wasla tieghu mat-titjira EK 107 minn Dubai, xjentement naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana billi ghadda mill-Green Channel bl-oggetti segwenti: Air Pistol tal-Marka CYMA mudell P.818 minghajr numru tas-serje; plastic containers b'2000 wiehed ta' high grade BB bulletts u Bott ta' 60g defender spray;

Dawn l-oggetti hawn fuq imsemmija, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat ghandu Valur totali ta' Lm 13.00, dazju dovut ta' Lm 0.39,6, u ukoll Taxxa fuq il-Valur mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm 2.41,0, fejn liema Dazju u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-artikoli 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998); 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 kif ukoll bi ksur tar-regolament 22(4) tat-Taqsima III tar-Regolamenti tad-Dwana, tal-ligijiet ta' Malta. IL-Qorti intalbet ukoll sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 kif ukoll li tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru, 2013, li biha sabet lill-imputat mhux hati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib htija fil-konfront tal-imputat appellat tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi lura fis-sena 2007 l-appellat kien wasal Malta b'titjira minn Dubai u ghadda mill-Green Channel tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn twaqqaf minn ufficcjal tad-Dwana u fil-valiggja tieghu instabu l-oggetti li kienu deskritti fir-ricevuta moghtija lill-appellat (Dok JA a fol 30). Dawn l-oggetti kienu deskritti bhala: *One air pistol (LYMA) (declared Toy); Two Bottles BB Bullets – Plastic u One bottle x 60g defender (pepper spray);*

2. Fil-liberazzjoni tal-appellat mill-imputazzjoni li ghadda mill-Green Channel bi ksur tad-disposizzjoni kif ravvizata fl-artikolu 33(4) tat-Taqsima III tar-Regolamenti tad-Dwana, l-ewwel Qorti qieset illi dan ir-regolament japplika ghal-Green Channel fl-ajruport ta' Hal Luqa u mhux tal-Malta International Airport. L-ewwel Qorti kienet zbaljata dwar dan ghaliex ir-Regolamenti tad-Dwana, LS 37.05, senjatament l-artikolu 22 kif emendat bl-AL 56 ta' l-1993, jipprovdi ghall-passiggieri li jaslu bl-ajru fil-Malta International Airport. L-Avukat Generali ghalhekk ghandu ragun in rigward. Pero' jekk l-azzjoni tal-appellat, igifieri l-passagg tieghu mill-Green Channel, jammontax ghal-rejat jew le hija dipendenti minn jekk l-appellat kellux fuqu oggetti suggetti ghad-dazju ta' importazzjoni. Dan huwa l-mertu tal-kunsiderazzjoni li ssegwi;

3. L-art 22(1) (a) tar-Regolament LS 37.05 jipprovdi illi "*oggetti li ma humiex suggetti ghad-dazju ta' importazzjoni titqies li tinkludi oggetti … li ma jkunux suggetti ghall-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ta' importazzjoni*". Isegwi ghalhekk li jkun ezaminat jekk l-oggetti in mertu kienux suggetti ghall-xi projbizzjoni jew restrizzjoni ta' importazzjoni;

4. L- ewwel Qorti kienet innominat espert biex jezamina dawn l-oggetti u rrelata illi fl-ewwel lok il-pistola ma tikwalifikax bhala Air Pistol ghaliex ma tiffunzjonax bl-arja. Din izda tiffunzjona billi tikkarga molla u meta jinghafas il-grillu din il-molla timbotta 'l quddiem *lever* li jtajjar il-pellet (tal-plastik).

*"Din il-pellet tal-plastik tasal xi 25 metru u ma tikkagunax feriti jekk tolqot lil xi persuna izda jekk dik tolqot lil xi hadd fuq ghajnejh tista' tweggaw sew. Il-magazine taghha jiehu ammont kbir ta' pellets li huma tondi u ghandhom diametru ta' 6mm. Il-pistola ghandha apparenza ta' arma tan-nar ta' veru."* Fir-raba paragrafu tal-perizja tieghu l-espert jiddiskrivi l-pistola bhala gugarell, izda fil-paragrafu 5 jghid illi dawn il-pistoli jistghu jiddahhlu Malta pero' ma jistghux jinzammu minghajr registrazzjoni mal-Pulizija. Issa, kif tajjeb jargumenta l-Avukat Generali, l-artikolu 35(3) tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi illi *"minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, hadd ma ghandu jzomm fil-pussess tieghu jew f'xi fond jew inkella juza xi arma tan-nar minn dawk elenkati taht it-Taqsima I tal-Iskeda III kemm il-darba ma tkunx saret dikjarazzjoni lill-Kummissarju dwar dak il-pussess jew intenzjoni ta' uzu.* Arma tan-nar skond l-artikolu 2 ta' dan il-kap *"tinkludi arma tan-nar ta' liema ghamla tkun u kull tip iehor ta' pistola, azzarin jew kanun li minnha jista' jigi sparat xi tir, balla jew missili, u l-kanna, il-kullata u receiver taghhom".* Imbaghad l-Iskeda III tal-Att intestata "Armi tan-nar u oggetti ohra li dwarhom tinhtieg issir dikjarazzjoni" takkludi fil-paragrafu numru 5, *Armi tal-Airsoft* u *Paintball* u fuq il-kaxxa li fiha huwa konfezzjonat dan l-oggett huwa indikat b'ittri kbar bhala P 818 Airsoft gun.

5. Din il-Qorti tifhem b'dan ghalhekk illi l-oggett inkwistjoni huwa wiehed minn dawk elenkati fil-parti hamsa tal-Iskeda III tal-Kapitolu 480 , igifieri Armi tal-Airsoft u Paintball. L-uzu ta' dan l-oggett ghalhekk huwa wiehed ristrett u suggett ghal-dikjarazzjoni mal-Kummissarju tal-Pulizija fit-termini tal-artikolu 35(3) tal-Kapitolu 480 u ghalhekk ma setghax jiddahhal Malta minghajr ma jkun debitament dikjarat;

6. L-Avukat Generali ghandu ragun ukoll ghar-rigward tal-oggett deskritt bhala *defender spray* stante li l-importazzjoni tieghu hija projbita fit-termini tal-artikolu 3(a) tal-Kaptiolu 480 bhala munizzjoni li jirrilaxxa sustanza letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh. Kien jispetta lill-appellant prova kontrarja skond l-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 li dan mhux hati

7. Illi ghalhekk ex regolament 22(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 37.05 l-appellant jitqies li kkommetta reat meta ghadda mill-Green Channel tal-

Ajruport Internazzjonali ta' Malta meta kellu fil-pussess tieghu oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita jew ristretta. Konsegwenza ta' dan jiskatta l-effett tal-artikolu 60 (b) tal-Kapitolu 37 li jipprovdi illi f'kaz ta' importazzjoni ta' oggetti li l-importazzjoni taghhom tkun projbita ghandhom ikunu konfiskati flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu ppakjati maghhom.

8. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u konsegwentement thassar is-sentenza appellata u ghal-motivi moghtija *supra* issib lill-appellat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Wara li rat l-artikoli 80 ta' Kapitolu 406; 60(b), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwar, Kap 37 u r-regolament 22(4) tat-Taqsima III tar-Regolamenti tad-Dwana, tal-ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €600 li terz minnhom ghandu jitqies bhala dejn civili favur il-Kummissarju tal- VAT u terz favur il-Kontrollur tad-Dwana. Tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti favur il-Gvern ta' Malta. Tordna ukoll ai termini tal- Artikolu 533 tal-Kap 9 l-hlas tal-ispejjez peritali.